FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 9 TA' DICEMBRU, 1996

Avv Nru.494/96

Joseph Cassar Aveta ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' "C. Fino & Sons Limited"

vs

Joseph u Nathalie konjugi Baldacchino

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Erba u tletin Lira Maltija u seba' u tletin centezmu, (Lm34.37), import ta' kambjala numru 21480 accettata, skaduta pero' mhux onorata mid-debituri konvenuti, u dana kif jidher mill-istatement hemm unit Dok."A";

Is-socjeta' attrici qed titlob ukoll il-hlas tal-ittra interpellatorja ta' l-20 ta' Settembru, 1995, u l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjalijiet numri 21457 sa 21480 sad-data tal-effettiv pagament, u dan ukoll skond id-Dok."A", kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti ma ppresentawx risposta u lanqas ma deheru ghas-seduta.

Semgha lil Bernard Grech li kkonferma li l-ammont imsemmi fl-avviz ghadu kollu dovut, kif ukoll l-imghax fuq l-istess kif indikat fid-dokument.

Peress li jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni huwa dovut, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lil-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Erba u tletin Lira Maltija u seba' u tletin centezmu, (Lm34.37), oltre l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjalijiet numri 21457 sa 21480 sad-

data tal-effettiv pagament, skond id-Dok."A", kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja ta' l-20 ta' Settembru, 1995.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mil-konvenuti skond il-ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.